MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 441/12

Numru fuq il-Lista: 15

**Erremme Business Advisors Limited**
**C30153**

**vs.**

**Kunsill Lokali Birżebbuġia**

It-Tribunal

## Preliminari

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2012, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-Kunsill konvenut il-ħlas tas-somma ta' tlett'elef erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€3,494.00), premess:

Illi s-soċjeta` attriċi tat diversi servizzi professjonali lill-Kunsill konvenut u d-drittijiet ammontaw għal €3,500 skond fattura datata l-1 ta' Settembru 2011;

Illi l-Kunsill konvenut ma ħallasx dan l-ammont;

Illi għal finijiet ta' kompetenza l-ammont pretiż ġie ridott għal €3494 u s-soċjeta` attriċi qed tirrinunzja għar-rimanenti bilanċ.

Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi titlob li dan it-Tribunal jikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallasha s-somma ta' €3494 bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura, liema kunsill konvenut huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra **r-risposta tal-Kunsill Lokali B'Bugia,** ippreżentata fid-9 t'Awwissu 2012, fejn dan eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjeta` rikorrenti ma qdietx il-funzjonijiet tagħha kif ordnata u mqabbda mill-Kunsill Lokali intimat salv eċċezzjonijiet oħra permessi skond il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ra l-verbal tal-5 ta' Diċembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Is-soċjeta` attriċi ħadet xogħol mingħand il-Kunsill konvenut bil-proċedura tat-tenders liema tender kien numerat 07/10 u intestat <u>Reconciliation of the Fixed Asset Register from 1993 to date.</u>

M'huwiex ikkontestat illi dan il-*Fixed Asset Register* ma ġiex konkluż mis-soċjeta` attriċi, liema soċjeta` attriċi tattribwixxi dan il-fatt għal ħtijiet attribwibbli lill-kunsill konvenut stess. Il-kunsill konvenut jiċħad dan u jsostni li min-naħa tiegħu il-kunsill ipprovda lis- soċjeta` attriċi d-dokumenti kollha minnu mitluba.

Il-*Fixed Asset Register* ġie effettivament konkluż sodisfaċentement minn terzi.

Il-prezz għat-twettiq tax-xogħol kollu imsemmi fit-tender kien ta' tlett'elef u ħames mitt Ewro (€3500) inkluza l-VAT. Ix-xogħol kien jikkonsisti fis-segwenti:

"a) Compiling up the Fixed Asser Register from 1993 to date on Sage Line 50. **This should be done by a physical stock take.**[1]
b) Working out the depreciation and calculating the net book values.
c) Guidance on stock take procedure."[2]

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta li minkejja li s-soċjeta` attriċi ma rnexxiliex tikkonkludi il-Fixed Asset Register, hija kienet wettqet xogħol estensiv fuqu kemm mill-uffiċini tal-Kunsill Lokali kif ukoll mill-uffiċini tagħha stess. Dana huwa korroborat kemm minn Taryn-Jade Darmanin u wkoll Christopher Mifsud, il-persuni mibgħuta mis-soċjeta` attriċi biex jaħdmu fuqu. Mhux kontestat mill-istess Kunsill konvenut li l-*Fixed Asset Register* kien sar ħafna xogħol minnu min-naħa attriċi.

Il-Kunsill konvenut pero jsostni li ladarba x-xogħol ma tlestiex, il-pagament m'huwiex dovut. It-Tribunal ma jaqbilx u huwa tal-fehma li s-soċjeta` attriċi għandha titħallas għax-xogħol li laħqet għamlet anke jekk il-*Fixed Asset Register* ma tlestiex.

Irid jingħad illi s- soċjeta` attriċi kienet konsapevoli mill-fatt li x-xogħol involut ma kienx wieħed faċli u dana stante li diġa kien mgħoddi lil ditta oħra u dina wkoll ma rnexxiliex tikkonkludih. Inoltre s- soċjeta` attriċi kienet tipprovdi lill-Kunsill konvenut servizzi ta' kontabilita` u għalhekk kienet diġa familjari mal-Kunsill konvenut, taf is-sistema tal-kompjuter imħaddma minnu, taf ukoll li dawn kienu jżommu fatturi li jmorru lura sa għaxar snin. Allura ma tistax tipponta subgħajha lejn il-Kunsill konvenut għad-diffikultajiet riskontrati meta bdiet taħdem fuq il-Fixed Asset Register, għax hi kienet konsapevoli ta' dawn id-diffikultajiet minn qabel.

Dwar il-*physical stock take*, is-soċjeta` attriċi irrifjutat li tagħmlu hi u ntqal mid-direttur tagħha "If Council really expects us to do a stock take ourselves for a total of Euro

[1] Enfasi miżjud mit-Tribunal
[2] Fol. 26

3,500 than it has really lost sense of reality"[3] Fil-fehma tat-tribunal, kienet l-istess soċjeta` attriċi li kkommettiet ruħha li tagħmel l-*istock take* u l-*Fixed Asset Register* għal dak il-prezz. Il-prezz tagħtu hi fil-proċess tat-tender u mhux ħareġ bih il-Kunsill konvenut. Għaldaqstant it-Tribunal xejn ma jista' jifhem ir-raġunar tas-Sur Buttigieg fl-istess email.

Il-kunsill konvenut jargumenta wkoll illi s-soċjeta` attriċi m'għandha tiġi mħallsa xejn stante li t-terz li effettivament wettaq ix-xogħol ma użax ix-xogħol ġia mwettaq u maħdum mis-soċjeta` attriċi. Jekk il-kunsill għażel li ma jħallasx għax-xogħol li kien diġa sar, almenu parzjalment, u ma jieħux pussess tal-imsemmi xogħol, fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma tantx kien għaqli, għaliex seta' ġie skansat xogħol doppju u effettivament ħela ta' ħin u riżorsi, anke tal-istess Kunsill. Kien ikun ferm iktar xieraq kieku l-Kunsill konvenut ħa pussess tax-xogħol imwettaq mis-soċjeta` attriċi, ħallasha tiegħu u kien jinkariga kontrattur il-ġdid biex ikompli jaħdem fuqu, liema kontrattur ġdid allura kien jiġi mħallas inqas u jieħu inqas ħin fix-xogħol tiegħu.

It-Tribunal tenut kont illi l-*Fixed Asset Register* ma tlestiex għas-sodisfazzjon tal-awdituri tal-Kunsill konvenut u li *physical stock take* ma sarx huwa tal-fehma illi t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa limitatament għas-somma elfejn Ewro (€2000) liema somma qed tiġi hekk stabbilita minn dan it-Tribunal fi-diskrezzjoni tiegħu u b'ekwita`.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' elfejn Ewro (€2000) u konsegwentement jordna lill-Kunsill konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elfejn ewro bl-imgħax legali mis-27 ta' Ġunju 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba odjern sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur

[3] E-mail ta' Reuben M. Buttigieg lis-Segretarju Ezekuttiv datata 21 ta' Frar 2012 fol. 45